MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 545/2008

**Merlin Computers Ltd**

**Vs**

**Karl Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2008 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn tlett mija u sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€2,327.37) rapprezentanti s-somma dovuta ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg tal-konvenut minnu stess, minghajr ma l-istess konvenut ta lis-socjeta attrici avviz bil-quddiem kif miftiehem, bl-imghax dekorribli mit-2 ta’ April 2008 u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-17 ta’ Mejju 2008.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fit-8 ta' Awissu 2008 fejn il-konvenut allega illi fl-ewwel lok ma ghandu jghati ebda ammont favur l-attur. Fit-tieni kok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont riklamat mill-attur huwa eccessiv u mhux skond il-ligi. Il-konvenut cahad bil-qawwa kollha illi huwa ttermina l-impjieg tieghu minghajr avviz bil-quddiem, u dan peress illi huwa temm l-impjieg tieghu minhabba raguni valida fil-ligiu dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut qal ukoll illi ma ghandu jbati ebda spejjez.

It-Tribunal ra ukoll il-kontrotalba pprezentata mill-konvenut fejn talab illi s-socjeta' attrici ghandha tigi kkundannata thallsu l-ammont ta'elf sitt mija u sebgha u sebghin Ewro u hmistax-il centenzmu (€1,677.15) bhala danni subiti mill-konvenut fiz-zmien illi ghamel minghajr il-kundizzjonijiet ta' impjiegilli kien sar bi ftehim bejn il-partijiet.

It-Tribunal ra wkoll ir-risposta li saret mis-socjeta' attrici ghal-kontrotalba fejn is-socjeta' attrici eccepiet l-inkompetenza ratione materiae peress illi huwa kompetenti b'mod esklussiv it-Tribunal Industrijali.

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal-premess it-talba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

It-Tribunal ezamina x-xhieda u l-provi u d-dokument li ngiebu.

Ezamina x-xhieda ta' Sandro Musu fejn dan ix-xhud huwa d-direttur tas-socjeta attrici u qal illi jiftakar illi kien mar ikellmu l-konvenut f'Marzu 2008 u kien infurmah illi kien ser jittermina l-impjieg tieghu peress illi sab opportunita ahjar. Sandro Musu imbaghad xehed li kien informa lil konvenut li dan ma setax jaghmlu ghaliex hu kien obbligat illi jghati notice ta' sitt xhur skond il-kuntratt ta' impjieg li kien gie ffirmat bejn il-partijiet.
Ix-xhud kompla billi qal li dan il-kliem xejn ma ghogbuh lil konvenut. Filfatt ftit jiem wara kien rega mar il-konvenut fejn tah ittra li biha spjega li kien ser jittermina l-impjieg u b'mod immedjat u dan peress illi ma gewx esegwiti l-

kundizzjonijiet ta’ xoghol li kienu imwieghda lilu u cioe’ dik tal-karrozza.

Ix-xhud spjega illi din kienet l-ewwel darba li sema bih dan u li s-socjeta’ attrici qatt ma cahditlu li jkollu l-karrozza u jekk ma uzax dan id-dritt ma kienx b’nuqqas tas-socjeta’ attrici.

It-Tribunal ra ukoll l-affidavit tal-konvenut fejn il-konvent spjega r-raguni li ghalija temm l-impjieg tieghu u cioe li ma kinux tawh il-karrozza ghal uzu personali tieghu kif kienu weghduh f’Dicembru 2007.

Ra ukoll ix-xhied ta’ Mark Doneo li kien jokkupa l-kariga ta’ Manager fuq Customer Support fejn xehed fost ohrajn illi kien jaf illi l-konvenut kien intitolat ghal vettura tal-kumpanija.

Illi ix-xhieda li xhedu qatt ma ttellghu jixdhu in kontroezami.

It-Tribunal sema t-trattazzjoni tal-kaz ta’ Dr Sharon Mizzi ghal konvenut.

Kunsiderazzjonijiet

Il-konvenut gie impjegat mas-socjeta attrici permezz ta’ kuntratt datat 25 ta’ Mejju 2007 ghal perjodu indefinit. Izda l-konvenut telaq wara ghaxar xhur.

Illi skond l-artiklu 22(d) tal-kuntratt ta’impjieg huwa kellu jaghti sitt (6) xhur notice u ghalhekk is-socjeta qed titlob l-ammont ta’ Elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).
Illi Artiklu 36(5) tal-Kap 452, impjegat illi kien f’impjieg ghal-ghaxar xhur ghandu l-obbligu li jhallas gimghatejn. Ghalhekk bejn l-artiklu 22(d) tal-kuntratt tal-impjieg u l-Kap 452 Artiklu 36(5) allura jipprevali l-Kap 452 Ariklu 36(5)

Decizjoni

It-Tribunal jiddecidi illi minkejja li s-socjeta' attrici ghandha tinghata ragun illi l-konvenut qabad u telaq mix-xoghol tieghu minghajr ma hadem ebda notice pero minkejja li s-socjeta' attrici ghandha ragun li tithallas tan-notice pero t-Tribunal ma jistax jaqbel illi s-somma li ghandha tithallas hija dik ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda paga ta' gimghatejn kif jghid il-Kapitlu 452 tal-Employment and Industrial Relations Act Artiklu 36(5)(b).

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddecidi billi jikkudanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€399.95) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi jichad il-kontrotalba u dan peress illi ma ngiebet ebda prova mill-konvenut sabiex jissostanza jew jispjega kif u ghaliex tilef l-ammont ta' flus li kien qed jitlob fil-kontrotalba tieghu.

Bl-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------